MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 29/2004/1

Raphael Aloisio, Malcolm Booker, Steve Cachia, Edward Camilleri, Andrew Manduca, Paul Mercieca u Stephen Paris personalment u fil-kapacita` taghhom ta' partners tad-ditta Deloitte & Touche Certified Public Accountants and Auditors
vs
Avukat Generali u b'digriet tat-28 ta' Settembru 2004 gie kjamat fir-rikors ir-Registratur tal-Qorti

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' l-atturi li bih ippremettew:

Illi huma konvenuti fil-kawza fl-ismijiet ***Valle del Miele Limited vs Raphael Aloisio et*** (Citazzjoni Numru 1902/2001 JA);

Illi fl-1 ta' Dicembru 2003 kienet inghatat sentenza preliminari fl-imsemmija kawza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

Illi, peress illi r-rikorrenti kienu hassewhom aggravati b'din is-Sentenza, ai termini ta' l-Artikolu 231(1) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), b'rikors intavolat fit-3 ta' Dicembru 2003, huma kienu talbu lill-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili permess sabiex jappellaw minnha;

Illi dan il-permess kien inghata b'digriet moghti fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru, 2003 u fid-29 ta' Dicembru 2003 kien gie intavolat ir-rikors ta' l-appell relattiv quddiem il-Qorti ta' l-Appell;

Illi fil-bidu nett tas-smiegh ta' l-appell fit-18 ta' Mejju, 2004, il-Qorti ta' l-Appell ***ex officio*** kienet gibdet l-attenzjoni tad-difensur tar-rikorrenti ghal sentenza minnha moghtija fis-16 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet ***Markiza Beatrice Cremona Barbaro of St. George-vs-Joseph Vella Galea et*** fejn kien gie deciz li t-terminu ta' ghoxrin jum ghal appell minn sentenza preliminari jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u mhux mid-data tal-permess minnha moghti biex isir l-appell u ghalhekk l-appell interpost mir-rikorrenti appellanti kien ***fuori termine****;*

Illi l-avukat difensur kien wiegeb li huwa kien jaf ben tajjeb bis-sentenza citata mill-Qorti ta' l-Appell u ssottometta li dik is-sentenza ma kellhiex tigi segwita ghaliex kienet anti-guridika;

Illi wara li kien gie brevement ittrattat dan il-punt bejn il-Qorti ta' l-Appell u l-imsemmi avukat difensur, ghal kull bwon fini, l-istess avukat kien talab li jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub;

Illi l-Qorti ta' l-Appell kienet akkordat u kemm l-appellanti (ir-rikorrenti odjerni) kif ukoll is-socjeta` appellata f'dak l-appell kienu ntavolaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-

miktub fis-26 ta' Mejju, 2004 u fit-3 ta' Gunju, 2004 rispettivament;

Illi b'sentenza moghtija fit-8 ta' Gunju 2004 il-Qorti ta' l-Appell kienet iddikjarat l-appell interpost mir-rikorrenti fil-kawza fl-ismijiet ***Valle del Miele Limited-vsRaphael Aloisio et*** (Citazzjoni Numru 1902/2001 JA) irritu u null ghaliex intavolat ***fuori termine*** wara rritjeniet illi:

".. .. appell minn sentenza in parte ghandu jigi prezentat <u>fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-Sentenza</u> u mhux mid-data ta' l-awtorizzazzjoni moghtija skond l-artikolu 231 gja` msemmi..

.. Filwaqt illi fil-kaz ta' appell minn digrieti interlokutorji il-legislatur kien specifiku sia dwar it-terminu kif ukoll dwar minn meta dan it-terminu jibda jiddekorri, fil-kaz ta' appell minn "sentenza" huwa ghazel li ma jiddistingwix bejn sentenza finali u sentenza ***in parte***, b'mod ghalhekk li t-terminu ta' ghoxrin jum mid-data tas-sentenza stabbilit fl-Artikolu 226(1) ghandu japplika wkoll ghall-appelli li jsiru in segwitu ghall-awtorizzazzjoni moghtija skond il-proviso tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 231 tal-Kap. 12."

Illi r-rikorrenti ssottomettew li l-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fit-8 ta Gunju 2004 fil-kawza fl-ismijiet ***Valle del Miele Limited-vs-Raphael Aloisio et*** (Citazzjoni Numru 1902/2001 JA) kienet tilledi d-dritt taghhom ghal smiegh xieraq kif sancit fl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta **("Il-Kostituzzjoni")** kif ukoll l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali rez applikabbli f'Malta bl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea cioe` Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta ("il-Konvenzjoni");

Illi, in succint, il-lanjanza tar-rikorrenti kienet din: ghalkemm ma kienx jezisti dritt ta' appell ***ut sic***, meta jkun hemm dritt ta' appell dan kellu jinstema' kif jixraq skond id-dettami tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Izda fil-kaz odjern l-appell kien mitfugh 'il barra minghajr ma kien gie trattat fil-mertu, biex b'hekk ma nghatax smiegh xieraq, fuq interpretazzjoni rigidissima tal-ligi li t-terminu ta' dan l-

appell beda jiddekorri minn zmien meta r-rikorrenti l-anqas kellhom dritt li jappellaw bil-konsegwenza li l-anqas ma nghatalhom it-terminu ta' ghoxrin jum mid-data li gie stabbilit dan id-dritt taghhom li jappellaw sad-data meta skond il-Qorti ta' l-Appell irritjeniet skada dan l-istess appell. Fil-verita`, l-appell kien gie intavolat fi zmien ghoxrin jum mid-data li r-rikorrenti nghatalhom permess li jappellaw biex b'hekk kienu pprevalixxu ruhhom (kif kellhom kull dritt li jaghmlu) mit-terminu li stabbilixxa l-legislatur u rikonoxxut mill-Qorti ta' l-Appell. Min-naha l-ohra, bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell ir-rikorrenti kienu gew zvantaggati talment li l-anqas l-ghoxrin jum moghti mill-legislatur (u anke ammess mill-Qorti ta' l-Appell) ma kellhom biex b'hekk huma gew imcahhda minn access ghal qorti li huma kellhom (u ghandhom) dritt ghalih;

Illi kien logiku u san li z-zmien ta' l-appell in kwistjoni beda jiddekorri mid-data li fiha twieled id-dritt ta' dan l-appell, cioe` mid-data li nghata permess mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li jsir l-appell. Dan mhux biss ghal ragunijiet guridici-legali izda wkoll ghal ragunijiet ta' praticita`. Guridikament huwa kontro-sens li jibda jiddekorri terminu li jestingwi dritt qabel ma jkun hemm dan id-dritt. ***Del resto*** it-termini kienu hemm ghac-certezza u biex jiffacilitaw u jghinu s-smiegh ta' kawza li jwassal ghal decizjoni gusta u legali u mhux biex jistronkawha. Min-naha ta' pratticita`, jista' jaghti kaz li dan il-permess fir-realta` jdum ma jinghata. Seta' kien ghaliex l-Ewwel Qorti kellha bzonn tikkunsidra l-affarijiet u c-cirkostanzi kollha tal-kaz qabel taderixxi jew tichad talba ghal permess ta' appell. Ir-ragunijiet setghu kienu varji izda, kienu x'kienu dawn ir-ragunijiet, dan id-dewmien ma kellhiex tbaghtih il-parti li tkun talbet (fi zmien stabilit mil-ligi) li tappella. In fatti dan id-dewmien seta' wassal ghal sitwazzjoni fejn, jekk u meta jinghata l-permess ta' l-appell, skond il-Qorti ta' l-Appell, dan l-appell ikun gja skada! Hekk precizament kien gara fil-kaz precitat ta' ***Cremona Barbaro-vs- Vella Galea*** fejn il-permess ta' l-appell kien inghata sena wara li kienet inghatat is-Sentenza li minnha sar l-appell!

Illi fl-imsemmija kawza ta' Cremona ***Barbaro-vs-Vella Galea***, il-Qorti ta' l-Appell kienet ikkoncediet illi "mir-ricerki

li ghamlet.. .. ma kien irrizulta li dan il-punt qatt gie deciz minn din il-Qorti”. U dan mhux b’xi koincidenza ghaliex minn dejjem kien ben stabbilit u rikonoxxut minn kull appellant, appellat u minn dik il-Qorti stess li l-perjodu ta’ ghoxrin jum ghal appell minn sentenza parzjali jibda jiddekorri mill-jum li fih ikun inghata permess biex isir appell minnha;

Illi t-talba biex parti tappella minn sentenza parzjali tibqa’ semplici talba u ma ssirx dritt ta’ appell qabel ma jkun inghata l-permess mill-Qorti ta’ l-Ewwel Grad biex isir l-appell. Ghalhekk, it-terminu ta’ l-appell jibda jiddekorri minn meta jkun stabbilit dan id-dritt ta’ appell u cioe` minn meta jinghata dan il-permess u minn ebda data ohra. Minghajr dan il-permess l-appell ma setax isir ghaliex skond il-proviso ta’ l-artikolu 231(1) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili “appell minn dawk is-sentenzi separati jista’ jsir qabel l-ahhar sentenza BISS (enfasi tar-rikorrenti) bil-permess tal-Qorti.. ..” Ghalhekk it-terminu li fih kellu jsir appell ma setax jibda jiddekorri kontra parti li mhix f’pozizzjoni tappella qabel ma jinghata permess biex taghmel dan u ma jaghmilx sens li biex jigi salvat terminu li beda’ jiddekorri qabel l-ezistenza tad-dritt, il-parti tintavola appell qabel il-permess biex tappella. L-incertezza li dan igib mieghu jeghleb ghal kollox it-tajjeb li l-ligi tipprova tilhaq meta tistabilixxi terminu, cioe`, stabbilita`, ***fairness*** u certezza;

Illi meta l-legislatur kien stabilixxa b’ligi pozittiva ghoxrin jum ghal prezentata ta’ appell, huwa ried li dan il-perjodu kollu jkun ghad-dispozizzjoni tal-parti li tkun trid tappella ghaliex hekk huwa stabbilit bhala mizura xierqa u ragonevoli ghat-thejjija ta’ appell u l-parti li kellha dritt tappella kellha dritt ghal dawn l-ghoxrin gurnata kollha kemm huma. Izda mhux hekk kienet iddecidiet il-Qorti ta’ l-Appell ghaliex skondha kull gurnata li tghaddi bejn id-data tas-sentenza parzjali u d-data li fiha eventwalment jinghata permess li jsir appell minnha tkun imnaqqsa mit-terminu legalmet stabbilit ghal prezentata ta’ l-appell kontra r-rieda tal-legislatur. Cahda minn smiegh ta’ appell f’dawn ic-cirkostanzi jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet

fondamentali protetti taht l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

Illi f'din is-sottomissjoni, ir-rikorrenti jinsabu konfortati mill-gurisprudenza emessa mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani **(il-"Qorti Ewropea").** In fatti fi1-kaz ta' ***Hadjianastassiou-vs-Greece*** tat-23 ta' Novembru 1992, il-Qorti ta' Kassazzjoni Griega cahdet appell fuq il-bazi li kien vag. Izda il-Qorti Ewropea rritjeniet li dan kien ksur ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni minhabba t-terminu statutorju qasir biex jigi sottomess appell motivat;

Illi f'kaz ta' trattament inuman u degradanti u vjolazzjoni tal-liberta` u sigurta` personali ***(Aerts-vs-Belgium*** tat-30 ta' Lulju 1998), kienet saret talba ghal ghajnuna legali biex isir appell lill-Qorti ta' Kassazzjoni Belgjana. Ghad li ma hemmx dritt awtomatiku ghal ghajnuna legali, il-Qorti Ewropea iddecidiet li c-cahda ta' tali ghajnuna li effettivament zammet lill-appellant milli jadixxi lill-Qorti ta' Kassazzjoni Belgjana ammontat ghal ksur ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Mhux hekk biss. F'dak il-kaz il-Gvern Belgjan issottometta li l-appellant adixxa lill-Qorti Ewropea tardivament cioe` wara t-terminu ta' sitt xhur stabilit mill-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni. Izda l-Qorti Ewropea cahdet din is-sottomissjoni u ffavoriet is-smiegh ta' l-appell liha ghaliex irritjeniet li t-terminu beda' jiddekorri minn meta twieled id-dritt ta' l-appellant cioe` mid-data li gie michud l-access ghall-Qorti ta' Kassazzjoni Belgjana ghar-rimedju opportun u mhux min meta sar l-allegat ksur ta' l-artikoli 3 u 5 tal-Konvenzjoni. Peress illi minn dik id-data sad-data ta' l-applikazzjoni ma kienux lahqu ghaddew sitt xhur, l-appell lill-Qorti Ewropea kien ***in termine****;*

Illi fil-kaz ta' ***Escolano et-vs-Spain*** tal-25 ta' Jannar 2000, il-Qorti Ewropea rritjeniet illi l-interpretazzjoni ta' regola ta' procedura b'mod partikolarment strett ipprivat lill-applikanti mid-dritt ta' access lill-Qorti sabiex jinstemghu l-pretensjonijiet taghhom:

".. .. The Court reiterates that the rules governing time-limits for appeals are intended to ensure a proper

administration of justice.  That being so, the rules in question or their application, should not prevent litigants from using an available remedy.. .. Since the issue concerns the principle of legal certainty, it is not merely a problem of interpretation of a legal provision in the usual way but of an unreasonable construction of a procedural requirement which prevented a claim for compensation being examined on the merits and thereby entailed a breach of the right to the effective protection of the courts. The parties must be able to avail themselves of the right to bring an action or to lodge an appeal.  Otherwise, the courts could substantially reduce the time for lodging an appeal or even render any appeal impossible.. ..  The Court consequently considers the domestic courts' particularly strict interpretation of a procedural rule deprived the applicants of the right of access to a court (see *mutatis mutandis,* the Perez de Rada Cavanilles-vs-Spain judgement of 28 October 1998 *Reports 1998, pp.3256-57,* #9).  There has been therefore a violation of Article 6(1) of the Convention".

(Vide wkoll **RICHARD CLAYTON QC & HUGH TOMLINSON QC** *"The Law of Human Rights - Second Annual Updating supplement, p.124".*)

Illi fil-kaz ta' ***Manibardo-vs-Spain*** tal-15 ta' Frar 2000, *l-Audiencia Provincial* ta' Tarragona kien iddikjara appell inamissibbli skond il-ligi Spanjola minhabba n-nuqqas ta' depozitu ta' somma flus skond ordni ta' Qorti ta' l-ewwel istanza.  Izda l-Qorti Ewropea kienet irritjeniet:

".. .. the applicant's appeal was declared inadmissible owing to her failure to deposit the requisite amount.  She was thus deprived of a remedy which could have proved decisive for the outcome of the dispute.  The Court finds that by obliging her to pay the amount ordered, the Audiencia Provincial prevented the applicant from using an existing and available remedy, such that a disproportionate hindrance was put in the way of her right of access to a court.  Consequently there has been a violation of Article 6(1).''

Illi f'***Beles et-vs-The Czech Republic*** tat-12 ta' Novembru 2002, il-Qorti Ewropea kienet qalet:
"The Court has already stated on a number of occasions that the right to a fair trial, as guaranteed by Article 6(1) of the Convention, must be construed in the light of the rule of law, one of the fundamental aspects of which is the principle of legal certainty, which requires that all litigants should have an effective legal remedy enabling them to assert their civil rights.. .. It further reiterates that the rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the aforementioned principle of legal certainty.  That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy.. .. a procedural rule has been construed in such a way as to prevent the applicants' action being examined on the merits, with the attendant risk that their right to effective protection would be infringed.. ..  Consequently, the Court finds that in deciding, on the basis of a particular strict construction of a procedural rule, not to examine the merits of the case, the domestic courts undermined the very essence of the applicants' right to a court, which is part of their right to a fair trial guaranteed by Article 6(1) of the Convention.  There has therefore been a violation of Article 6(1) of the Convention".

Illi f'dan il-kaz ta' Beles kien gie suggerit li f'kaz li jkun hemrn ir-riskju li xi appell jiskadi allura seta' facilment isir dan l-appell pendenti t-talba *ghall-**leave to appeal**.*  Il-Qorti Ewropea wiegbet:

".. .. that course of action would have been uncertain and devoid of statutory basis and did not offer an adequate solution, as required by the principle of legal certainty".

Illi fil-kaz ta' ***Brumarescu-vs-Romania*** tat-28 ta' Ottubru 1999, il-Qorti Ewropea kienet harset lejn il-kwistjoni min ottika diversa cioe` s-sahha ta' l-istat, vestita fih bil-ligi municipali, li jappella, minghajr ebda terminu impost fuqu, biex igib fix-xejn decizjoni ta' qorti li iddecidiet li l-istess

stat kien ghamel zball meta innazzjonalizza post ta' residenza biex b'hekk gie ordnat li tali residenza tinghata lura lill-applikant. Il-Qorti Ewropea wiegbet:

".. .. The Court notes that the exercise of that power by the Procutrator - General was not subject to any time-limit, so that judgements were liable to challenge indefinitely. The Court observes that, by allowing the application to be lodged under that power, the Supreme Court of Justice set at naught the entire judicial process which had ended in - to use the Supreme Court of Justice's words - a judicial decision that was "irriversible" and thus *res judicata* - and which had moreover been executed.. .. in that manner the Supreme Court of Justice had infringed the principle of legal certainty. On the facts of the present case, that action breached the applicant's right to a fair hearing under Article 6(1) of the Convention."

Illi anke jekk, kif irritjeniet il-Qorti ta' l-Appell nostrana, *il-* ***mens legis*** hi li "jillimita l-ispezzettar ta' kawzi b'appelli interposti minn kull wahda mis-sentenzi ***in parte***, dan ma ghandux isir b'mod li litigant jigi michud access ghal qorti li ghandu dritt ghaliha b'interpretazzjoni li, in effett, ma hi xejn hlief ic-cahda ta' dritt moghti mill-ligi domestika bi ksur ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni:

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li bis-Sentenza tat-8 ta' Gunju 2004 moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Valle del Miele Limited versus Raphael Aloisio, Malcolm Booker, Steve Cachia, Edward Camilleri, Andrew Manduca, Paul Mercieca u Stephen Paris personalment u fil-kapacita` taghhom ta' ***partners*** tad-ditta *Deloitte & Touche Certified Public Accountants and Auditors,* gew miksura l-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6(1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi gie lez id-dritt taghhom ghal smiegh xieraq quddiem dik il-Qorti;

2. Konsegwentement thassar l-imsemmija Sentenza tat-8 ta' Gunju 2004 moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Valle del Miele Limited versus Raphael Aloisio, Malcolm Booker, Steve Cachia, Edward Camilleri, Andrew Manduca, Paul Mercieca u Stephen Paris personalment u fil-kapacita` taghhom ta' ***partners*** tad-ditta *Deloitte & Touche Certified Public Accountants and Auditors,* u tordna l-prosegwiment ta' l-appell minnhom interpost fl-atti ta' l-istess kawza fid-29 ta' Dicembru 2003 fuq il-mertu u

3. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tassigura t-twettiq ta' l-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6(1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat ir-risposta ta' l-intimat Avukat Generali li eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-intimat mhux il-legittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri, u dan ai termini tal-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12, stante li kienet tezisti awtorita` kompetenti ohra li setghet twiegeb ghal lanjanzi vantati mir-rikorrent. Ghalhekk l-intimat ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-Onorabbli Qorti kellha tiddeklina milli tezercita l-poteri kostituzzjonali taghha rigward dan il-kaz, ***ai termini*** tal-proviso ghall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, peress li kienu jezistu rimedji adegwati ohra ghar-rikorrenti, u dan stante li l-lanjanzi taghhom ikkoncernaw appell minn sentenza in parte.

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-azzjoni kienet intempestiva u dan ghar-raguni moghtija fit-tieni paragrafu ta' din ir-risposta.

4. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-proceduri kostituzzjonali ma setghux jintuzaw bhala forma tat-tieni appell minn sentenza gia moghtija mill-Qorti tal-Appell.

5. Illi fil-mertu, kwantu l-azzjoni hi bazata fuq ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u 39(2) tal-Kostituzzjoni, kellha tkun iccarata espressament mir-rikorrenti dwar liema mill-punti trattati f'dawn l-artikli hemm allegazzjoni ta' ksur, biex l-intimat seta' jwiegeb u jirregola ruhu sewwa, inkluz bil-kazistika relattiva.

6. Illi r-rikorrenti kienu lmentaw li l-Onorabbli Qorti tal-Appell kien messha tat interpretazzjoni differenti lill-Artikolu 231 tal-Kap. 12. L-intimat issottometta li l-fatt li l-Qorti kienet iddecidiet li taghti interpretazzjoni partikolari lill-provvediment tal-ligi ma jfissirx li b'daqshekk kien hemm ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Qorti tal-Appell f'dan il-kaz kienet tat kull opportunita` lir-rikorrenti li jispjegaw il-pozizzjoni taghhom anke bil-miktub. Is-semplici fatt li fis-sentenza taghha tat-8 ta' Gunju 2004 il-Qorti tal-Appell ma kienetx qablet mal-interpretazzjoni li r-rikorrenti dehrilhom li ghandha taghti l-Qorti, b'daqshekk ma kienx ifisser li l-Qorti bis-sentenza taghha tat lok ghal ksur tad-dritt fundamentali ghas-smigh xieraq.

7. Illi barra minn hekk, id-dritt t'appell kellu jkun limitat bi zmien biex hekk kawza setghet tkun determinata u konkluza fi zmien ragonevoli. Li kieku ma kienx hekk, u baqa' d-dritt t'appell mhux limitat bi zmien, seta' jaghti l-kaz li kien hemm ksur tad-dritt tal-bniedem ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, peress li l-opportunita` ta' appell baqghet b'mod indefinit.

8. Illi ***di piu'***, hawn si tratta ta' appell minn sentenza in parte, u ghalhekk kien iktar u iktar importanti li jkun hemm terminu ghall-appell biex hekk il-kawza setghet titkompla u mhux titwaqqaf b'mod abbuziv u indeterminat b'hafna appelli minn sentenzi parzjali.

9. Illi in kwantu saret referenza fir-rikors promotur ghad-dritt t'access ghall-qorti, l-intimat issottometta li r-

rikorrenti kellhom l-opportunita` shiha li jaderixxu lill-Qorti tal-Appell kif fil-fatt ghamlu, u mbaghad joqoghdu ghad-decizjoni finali taghha. Barra minn hekk, kien rikonoxxut anke mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li dan l-istess dritt t'access seta' kellu limitazzjonijiet, sakemm l-essenza tad-dritt kienet imharsa. Pero` kien baqa' l-fatt li r-rikorrenti riedu jiddikjaraw b'mod car liema parti mill-Artikoli msemmija kienu qed jallegaw ksur taghhom.

10. Illi fi kwalunkwe kaz, ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem, la taht il-Kostituzzjoni u l-anqas taht il-Konvenzjoni, f'dawn il-proceduri msemmija fir-rikors promotur u ghalhekk ir-rikors promotur kellu jkun michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta ta' l-intimat kjamat fil-kawza Registratur, Qrati Civili u Tribunali li eccepixxa:

1. Illi minhabba n-natura tat-talbiet rikorrenti kif motivati fl-imsemmi rikors promotur, ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ***ai termini*** ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti kellha tiddeklina milli tezercita l-poteri kostituzzjonali taghha rigward dan il-kaz u dan stante li r-rikorrenti ghad ghandhom rimedji ordinarji disponibbli ghalihom.

3. Illi wkoll ghal din ir-raguni msemmija fil-paragrafu nurnru 2, l-azzjoni rikorrenti hija intempestiva.

4. Illi r-rikorrenti kellhom jispecifikaw b'mod aktar preciz kif jirrizulta l-ksur ta' l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan sabiex l-intimat seta' jirregola ruhu ahjar fir-rigward ta' tali lanjanza.

5. Illi l-interpretazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell ghall-Artikolu 231 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma kienet tilledi ebda dritt uman jew liberta` fundamentali u dan peress li l-istess interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu ma kenitx tipprekludi lir-rikorrenti milli jaderixxu lill-Qorti ta' l-Appell entro t-terminu stipulat mil-ligi anke pendenti d-decizjoni tal-Qorti ta' Prim'Istanza dwar il-possibilita` ta' appell mis-sentenza parzjali.

6. Illi ghalhekk ma rrizulta ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew ta' xi liberta fundamentali kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk dan ir-rikors ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Skond il-verbal tal-20 ta' Ottubru, 2004, l-Avukat Generali kellu jipprezenta nota dwar l-ewwel hames eccezzjonijiet tieghu waqt li l-kjamat fil-kawza Registratur tal-Qorti fuq l-ewwel erba' eccezzjonijiet tieghu.

Ir-rikorrenti pprezenta nota fid-29 ta' Ottubru, 2004 li fiha stqarr li l-bazi tal-azzjoni hija "the right to a court, which is part of their right to a fair trial guaranteed by Article 6 (1)" u li t-talbiet taghhom jinsabu indikati fl-ahhar paragrafu tar-rikors promotur li jibda bil-kelma "Ghaldaqstant…"

Rat in-nota tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali prezentata fl-1 ta' Frar 2005 [fol 37 sa 39 tal-process];

Rat in-nota tal-Avukat Generali prezentata fl-1 ta' Frar 2005 [fol 40 sa 42 tal-process];

Rat in-nota tar-rikorrenti prezentata fit-3 ta' Marzu 2005 [fol 43 sa 48 tal-process];

Rat il-verbal tal-15 ta’ Marzu, 2005 f’liema seduta gew trattati l-eccezzjonijiet preliminari, u l-kawza differita fuq l-ewwel erba’ eccezzjonijiet tal-Avukat Generali u l-ewwel tlieta tar-Registratur tal-Qorti.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

L-ewwel eccezzzjoni tal-Avukat Generali hija li preliminarjament l-intimat mhux il-legittimu kuntradittur f’dawn il-proceduri, u dan ai termini tal-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12, stante li kienet tezisti awtorita` kompetenti ohra li setghet twiegeb ghal lanjanzi vantati mir-rikorrent. Ghalhekk l-intimat ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Ukoll ir-Registratur Qrati Civili u Tribunali fl-ewwel lok eccepixxa li minhabba n-natura tat-talbiet rikorrenti kif motivati fl-imsemmi rikors promotur, ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali mhux il-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Brian Vella vs Avukat Generali et** deciza minna fl-24 ta’ Novembru 2004 qalet:

"Issa fil-kawza fl-ismijiet **Lucien Stafrace nomine vs Agent Registratur tal-Qrati** et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta’ Novembru 1988 [LXXII-I-127] ir-rikorrenti talbu rimedju quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, billi fil-fehma taghhom, proceduri pendenti quddiem l-istess Qorti dwar ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom kienu damu zmien irragonevoli. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba tar-rikorrenti billi ddikjarat it-tul tal-procedura msemmija bhala jikser l-artikoli rilevanti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja, imma cahdet it-talba ta' l-istess ghal sodisfazzjoni gusta finanzjarja. Fuq appell sija tar-rikorrenti kemm ta' l-intimati, il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat u lliberat lill-intimati Registratur tal-Qorti, Ministru tal-Gustizzja u Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-gudizzju billi ma kienux il-legittimi kontradittturi. Il-Qorti hasset li r-Registratur tal-Qrati ma kienx persuna idonea biex joqghod f'gudizzju tali billi bhala kap ta' dipartiment hu jirrapprezenta lill-Gvern fil-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-andament ordinarju ta' l-amministrazzjoni pubbliku inerenti ghal dak id-dipartiment,

u l-kwistjoni prezenti ma kenitx tidhol f'tali xorta ta' mansjonijiet. Sostniet ukoll li l-Ministru jirrapprezenta d-Dipartiment tieghu, pero` l-kawza prezenti ma kenitx wahda li tirrigwarda l-funzjonijiet tal-Ministru tal-Gustizzja jew ta' l-Intern. L-istess haga wkoll tinghad ghall-Kummissarju tal-Pulizija.

Fil-kawza **Carmelo sive Charles Delia et vs Registratur tal-Qrati in rapprezentanza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri et.** deciza fil-25 ta' April, 1990 [Vol. LXXIV-I-91] l-istess Qorti Kostituzzjonali li quddiemha gie sollevat ghall-ewwel darba fil-kawza l-punt tal-legittimita` tal-persuna ta' l-intimat, laqghet eccezzjoni simili sollevata mill-intimat Registratur tal-Qrati u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju. Il-Qorti sostniet li r-Registratur tal-Qrati m'ghandhux ir-rapprezentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f'kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendenti quddiem il-Qorti .

Permezz tal-Att XXIV tal-1995 gie introdott l-artikolu gdid 181 B. Dan jispecifika min ghandu jirraprezenta l-Istat fi proceduri fil-Qrati b'mod specifiku u fis-subinciz (1) jghid li:
"(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni…
(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** deciza fl-14 ta' Marzu 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Imh. P. Vella, proprju dwar eccezzjoni simili li giet sollevata mir-Registratur tal-Qrati f'kawza dwar "fair hearing" minhabba dewmien fil-proceduri kagjonati mill-avversarja u minn Imhallef li ghal xi zmien kien qed jippresjedi l-istess proceduri, il-Qorti rriteniet li :

"l-art. 181B jipprovdi li l-Gvern, igifieri l-istat, ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-

dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Barra minn hekk is-subinciz (2) tal-istess artikolu jipprovdi wkoll li l-Avukat Generali jirrapprezenta l-Gvern f’dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra dipartimenti ohra tal-Gvern. Mela huwa l-Avukat Generali li jirrapprezenta lill-Gvern in rapprezentanza tal-Istat. Illi huwa ben saput li fid-dritt Kostituzzjonali u konvenzjonali li l-Gudikatura hija indipendenti mill-Ezekuttiv u certament ma tistax titqies bhala Dipartiment tal-Gvern.

Ir-Registratur tal-Qrati ma kellu ebda kontroll fuq dawk il-proceduri partikolari u inqas ma kien involut b’xi mod fil-materja fil-mertu tar-rikors promotur. Hu ben risaput li l-Gudikatura hi organu indipendenti mill-Ezekuttiv u hu f’dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent hu attribwibbli ghall-operat tal-Qorti allura r-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarikat mill-amministrazzjoni tal-Qrati u mhux ukoll mill-operat tal-gudikant, ma jistax hawnhekk ikun legittimu kontradittur". Kien ghalhekk li dik il-Qorti laqghet l-eccezzjoni sollevata mir-Registratur tal-Qrati u illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju .

Ukoll fis-sentenza tal-kawza **Edmond Mugliette vs Registratur tal-Qorti tal-Revizjoni tal-Atti Nutarili** deciza fit-12 ta’ Gunju 2002 mill-Prim Awla [sede Kost] mill-Imh. J. Galea Debono insibu:
“Issa fil-kaz odjern minn ezami akkurat tar-rikors promotur u d-depozizzjoni guramentata tar-rikorrent, imkien ma jidher li r-rikorrent qed jallega xi nuqqas jew abbuz fl-agir tar-Registratur tal-Qorti tal-Atti tar-Revizjoni Notarili "*ut sic*", imma qed jilmenta biss mill-operat tal-Imhallef li qed jippresjedi dik il-Qorti li bl-agir tieghu qed jikkostringieh joqghod ghall-ordnijiet u restrizzjonijiet fuq il-movimenti tieghu li jilledu d-drittijiet fundamentali tieghu li cahadlu diversi rikorsi tieghu biex hu jigi ezentat minn dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-liberta` ta’ azzjoni tieghu u fuq l-uzu u t-tgawdija tal-proprjeta tieghu u sahansitra intimalu l-possibilita‘ li jkollu jiffaccja proceduri ghad-disprezz tal-awtorita` tal-Qorti jekk ma jkomplix jattendi ghall-accessi. Qed jilmenta wkoll sa certu punt mill-agir tal-inventarjant

tal-atti tan-Nutar Hayman  nominat mill-istess Qorti, li qed izomm accessi ta’ spiss  fil-fond li jappartjeni lilu u b’hekk jikkostringieh li jkun prezenti biex jiftah u jaghalaq  u b’hekk ma jistax jattendi ghall-attivitajiet ohra normali tal-hajja tieghu u ghall-safar fuq xoghol. Inoltre r-rikorrent qed jilmenta ukoll mill-fatt li l-Gvern ma ipprovdiex post iehor adegwat fejn jistghu jinzammu l-atti pubblici  u dokumenti kollha li kien hemm fl-ufficju tal-mibki Nutar John Hayman, post li pero`, kif semghet din il-Qorti, qed jigi allestit min-Nutar tal-Gvern, Dr. Franco Pellegrini  li hu l-kap tad-dipartiment koncernat.

Illi zgur li mhux funzjoni ordinarja tar-Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Notarili li jipprovdi post fejn jistghu jinhaznu dawn id-dokumenti notarili, tant li din ir-responsabblta’ giet assunta  u mistennija li titwettaq f’qasir zmien min-Nutar tal-Gvern kif fuq intqal, li huwa l-kap tad-dipartiment koncernat .

Ghalhekk jekk xejn il-lanjanza tar-rikorrent dwar id-dewmien li qed jiltaqa’ mieghu  biex id-dokumenti jittiehdu mill-fond li jappartjeni lilu u jinhaznu band’ohra ghandha tkun diretta kontra l-kap tad-dipartiment li bil-ligi jrid jahseb ghal tali eventwalita`. Imbaghad, in kwantu l-lanjanzi tar-rikorrent  huma diretti kontra  l-operat tal-Imhallef  u tal-Inventarjant tal-atti tal-imsemmi Nutar, ladarba dawn huma indipendenti mill-intimat u ma johdux ordnijiet minghandu  izda jigri proprju  l-kuntrarju, huwa ovvju li l-intimat odjern ma ghandux kontroll fuq l-operat taghhom u li xi nuqqas allegat fil-konfront taghhom, ma ghandux jirrispondi quddiem il-Qrati ghalih l-intimat .

Ghalhekk kemm  fid-dawl tal-emendi  ghall-Art. 181 ta-Kap. 12 u l-insenjament tal-gurisprudenza in materja fuq citat, jidher  b’mod car li l-eccezzjoni  preliminari tal-intimat Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili, li hu mhux il-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri hija altru milli fondata, u ghalhekk qed tigi milqugha.”

Bl-istess mod jinghad li l-ilment fir-rikors odjern ma humiex diretti versu l-operat tar-Registratur tal-Qorti izda kontra dak tal-Imhallef u kontra l-Kummissarju tal-Pulizija

[ghalkemm dan tal-ahhar dwar il-mod kif iddepona]. Ghall-istess motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Registratur tal-Qorti u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent. Ma jistax jinghad f'dan l-istadju xejn dwar l-istess eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija minhabba li r-rikorrent qieghed isostni li hu gie milqut negattivament bid-depozizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija...“

Jidher car li f'din il-kawza l-Qorti ma tantx ghandha bzonn li zzid ma' dak li ntqal hawn fuq. Certament dak li qedghin jilmentaw minnu rikorrenti ma jista' b'ebda mod jirrispondi ghalih ir-Registratur u kull responsabbilta` li hemm bil-mod kif qeghda l-ligi tolqot lill-Avukat Generali mhux ghax l-att ilmentat b'xi mod sar minnu izda bhala rizultat tal-Artikolu 181B. Il-lanjanza kostituzzjonali tar-rikorrenti hija dwar kwistjoni gudizzjarja u mhux amministrattiva. Ghal dawn il-motivi tillibera lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali mill-osservanza tal-gudizzju. Fl-istess hin ghall-motivi fuq imsemmija tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali.

It-tieni eccezzjoni tal-Avukat Generali hi li l-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri kostituzzjonali taghha rigward dan il-kaz ai termini tal-art 436(2) tal-Kostituzzjoni peress li jezistu rimedji adegwati ohra ghar-rikorrenti. Ir-raguni ta' dan fin-nota tal-osservazzjonijiet a fol 41 li ghad jista' jsir appell mis-sentenza shiha fl-ahhar tal-kawza liema rimedju ghadu jezisti sal-lum. L-Avukat Generali sostna li r-rimedju kostituzzjonali huwa wiehed straordinarju u ma jistax jintuza minnflok jew qabel ma jkun gie ezawrit rimedju ordinarju. Ikkwota diversi sentenzi.

Ir-rikorrenti rrispondew li l-legislatur ta dritt ta' appell minn sentenza in parte jew minnufih wara li tinghata jew wara s-sentenza finali tal-Prim' Istanza a tenur tal-artikolu 231 tal-Kap 12. Sostnew ghalhekk li huma ghandhom dritt jagixxu f' dan il-waqt u jissalvagwardjaw dan id-dritt issa u mhux meta jidhirlu l-Avukat Generali. Semmew li l-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali hija kwistjoni ta' ordni pubbliku u li trid tigi raddrizzata kemm jista' jkun malajr. Irrilevaw li appell wara s-sentenza finali mhux l-istess dritt

li jappellaw issa. La l-Legislatur hass li ghandu jikkoncedi d-dritt tal-appell f' zewg okkazjonijiet m'ghandhomx huma jigu mtellfa minn dan id-dritt. Is-setgha tal-Qorti li tiddeklina li tezercita l-gurisdizzjoni taghha hija wahda diskrezzjonali li fil-kaz in ezami r-rikorrenti hassew li m'ghandux jintuza.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li qalet fil-kawza fl-ismijiet **Stephen Falzon vs Registratur tal-Qorti et** deciza minnha kif presjeduta fl-14 ta' Frar, 2002 fejn qalet:

"Fil-fehma tal-Qorti f'din il-kawza ghandu importanza kbira il-proviso tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.

Fl-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni nsibu l-proviso li jghid:
"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra."

Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fid-29 ta' Ottubru, 1993 fl-ismijiet **Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija et** insibu:
"Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ser tidhol fil-meritu ta' l-eccezzjoni, u tibda biex tghid, kif persistentement minnha dikjarat u sostnut, illi, bhala regola, meta si tratta ta' kawza ta' din ix-xorta, il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke, per ezempju, meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Meta l-aspetti ta' l-indagini ikunu ta' natura prevalentament kostituzzjonali, bir-rimedji propriji pedissekwi, ix-xejra ghandha tmur lejn l-esercizzju tas-setghat li l-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-Artikolu 46 (2), taghti lil Qorti Civili Prim'Awla"

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta’ Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**, wara li ezaminat numru ta’ sentenzi kienet qalet hekk:
“Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta’ din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji giurisprudenzjali:

(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta’ natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.
(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta’ illegalita’ jew ta’ gustizzja jew ta’ zball manifest, ma tiddisturbax l-esrcizzju ta’ diskrezzjonalita’ ta’ l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.
(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.
(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m’ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero’ se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent
(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero’ dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta’ haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.
(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni.”

Fil-kawza fl-ismijiet “**Lawrence Cuschieri vs l-Onor Prim Ministru**” deciza fis-6 ta’ April, 1995, il-Qort Kostituzzjonali qalet:
“Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim'Awla ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta' dak l-artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li

tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat "huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra". Hu veru wkoll illi din il-fakolta' hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kapriccuz jew legger. Hu ovvju illi ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.”

Dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta’ Lulju, 1995 fl-ismijiet “**Paul Mckay vs Kummissarju tal-Pulizija**” u deciza fil-21 ta’ April, 1995 fl-ismijiet “**Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru**.”

Dan il-proviso ghalhekk mhux xi wiehed li jista’ jittiehed b’mod laxk jew kapriccuz. Mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta’; izda minn-naha l-ohra il-Qorti ghandha l-obbligu li f’certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra. Altrimenti tkun qedgha tagixxi ta’ Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi. Jekk kien hemm mezzi xierqa ohra il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta’ natura

kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, il-Qorti m'ghandiex tikkonsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent. Ghalhekk ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. "Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezzjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."

Maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, b'referenza ghall-kaz odjern il-Qorti ma thossx li ghandha tirrifjuta li tezamina l-kaz in ezami ghax f'dan il-kaz jekk jigi applikat ir-rimedju l-iehor u cioe` dak tal-appell wara s-sentenza finali jkun qieghed jittiehed dritt lir-rikorrenti. Fil-verita` id-dritt l-iehor suggerit mill-Avukat Generali f'dan il-kaz mhux dritt alternattiv jew li kien possibbli precedentement izda wiehed li sejjer inaqqas mid-drittijiet tar-rikorrenti. In-natura tat-talba hija wkoll wahda ta' orjentament kostituzzjonali. Il-mezzi l-ohra disponibbli ghar-rikorrenti ma jistghux jigu adoperati f'dan l-istadju. Ir-rimedju alternattiv suggerit mill-Avukat Generali ma jistax jirrimedja kompletament il-lanjanzi tar-rikorrenti. Il-mezzi l-ohra ta' rimedju ma jpoggux lir-rikorrenti fl-istess pozizzjoni. Ghal dawn il-motivi tichad ukoll it-tieni eccezzjoni tal-Avukat Generali.

L-Avukat Generali eccepixxa wkoll bhala tielet eccezzjoni tieghu l-intempestivita` tal-azzjoni odjerna u dan ghar-raguni moghtija fit-tieni paragrafu. Sostna li f' dan l-istadju huwa kmieni wisq biex ir-rikorrenti javvanzaw l-ilmenti dwar ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom.

Izda hawn huwa ovvju li din l-eccezzjoni hija bazata fuq it-tieni eccezzjoni u peress li giet michuda t-tieni eccezzjoni ghall-istess ragunijiet ghandha tigi michuda l-eccezzjoni in ezami, kif fil-fatt qed taghmel din il-Qorti.

L-Avukat Generali eccepixxa wkoll li l-proceduri kostituzzjonali ma jistghux jintuzaw bhala forma tat-tieni appell minn sentenza gja moghtija mill-Qorti tal-Appell.

Fil-principju dan hu certament hekk. Il-Qorti Kostituzzjonali qatt ma tista' tkun it-tieni Qorti tal-Appell izda dan ma jista' qatt ifisser li din il-Qorti ma taghmilx id-doveri taghha. Kieku l-Parlament ried li ebda decizjoni tal-Qorti tal-Appell ma tista' tigi sindikata mill-Prim' Awla sede Kostituzzjonali kien jghid hekk. Fil-kaz in ezami pero` mhux qieghed isir dan, izda r-rikorrenti qed jallegaw li gie milqut dritt kostituzzjonali taghhom li certament din il-Qorti ma tistax tqisu bhala frivolu u dan minghajr ebda riflessjoni favur jew kontra l-ezitu finali tal-kawza odjerna. Jinghad ukoll li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma ezaminatx il-meritu tal-kwistjoni li dwarha sar l-appell u ghalhekk certament wiehed ma jistax iqis li jkun qed isir tieni appell. Is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell dahlet fuq l-irritwalita` tar-rikors tal-appell.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi ghalhekk tichad ukoll din ir-raba' eccezzjoni preliminari.

Dwar l-ispejjez tal-procedura prezenti r-rikorrneti ghandhom ibatu l-ispejjez tar-Registratur tal-Qorti minhabba li kienu huma li ghamlu t-talba ghall-kjamata in kawza tieghu. Dwar l-eccezzjonijiet l-ohra, l-ispejjez kontra l-Avukat Generali.

Tiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni fuq il-provi l-ohra ghas-17 ta' Ottubru 2005 fl-10.45 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------